# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Jannar 2025**

**Numru : 3**

**Rikors Numru : 17/2006/5 BS**

**AB**

**v.**

**CB**

**Il-Qorti**

1. Dawn huma appell prinċipali, appell inċidentali u appell minn sentenza wara rikors *ab omissa decisione* mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja, f'kawża fejn intalab ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u l-qsim ġudizzjarji tal-assi komuni *ai termini* tal-Artikolu 1332 (1) (b) tal-Kodiċi

Ċivili minħabba l-imġieba tal-konvenut dwar l-amministrazzjoni tal-akkwisti li pperikolat l-interessi tal-attriċi.

**Daħla**

2. Il-kontendenti żżewġu fit-3 ta' Ġunju 1984, żwieġ regolat bil-komunjoni tal-akkwisti. B'din il-kawża l-attriċi talbet is-separazzjoni ġudizzjarju tal-beni u biex il-komunjoni tal-akkwisti tispiċċa billi l-konvenut qed jamministraha ħażin. Bejn il-kontendenti hemm ukoll kawża ta' separazzjoni pendenti.

3. Quddiem il-**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni tal-Familja, (l-Ewwel Qorti jew il-Qorti tal-Familja**) l-**attriċi AB** ressqet is-segwenti talbiet:

> "1. TIDDIKJARA xjolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti;
>
> 2. TILLIKWIDA l-istess komunjoni tal-akkwisti billi tiddikjara li tikkonsisti f'dawk il-beni ta' kull xorta u natura, konsistenzi, u sustanzi li jirriżultaw fil-kors tal-kawża, u f'dak il-passiv li jirriżulta li ġie kkuntrattat bil-kunsens jew konoxxenza wkoll tal-attriċi;
>
> 3. TAQSAM il-komunjoni tal-akkwisti u tassenja nofs il-beni u l-passiv hekk riżultanti lill-esponenti.
>
> BL-ISPEJJEŻ inklużi tal-mandat ta' sekwestru numru 150/2006 kontra l-intimat, u bl-inġunzjoni tal-intimat għas-subizzjoni li għaliha minn issa huwa mħarrek."

4. L-attriċi ressqet it-talbiet appena ċitati wara li ppremettiet:

i. ILLI l-kontendenti żżewgu fit-tlieta (3) ta' Ġunju elf disa' mija u erbgħa u tmenin (1984), liema żwieġ ġab bejniethom il-komunjoni tal-akkwisti; Il-fatti hawn dikjarati tafhom hi personalment"

ii. ILLI l-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti f'dawk il-beni mobbli u [i]mmobbli li ġew akkwistati kemm bejniethom kif ukoll matul iż-żwieġ, investimenti ta' flus fil-Banek u fil-Borża ta' Malta, interessi f'kumpaniji privati u pubbliċi, flus kontanti, qligħ tan-negozju, ġestjoni tan-negozju, u konsistenzi u sustanzi oħra, u l-passiv li jirriżultaw f'aktar dettal fil-kors tal-kawża;

iii. ILLI l-imġieba tal-konvenut dwar l-amministrazzjoni tal-akkwisti kienet f'dawn l-aħħar snin tali li tipperikola l-interessi tal-esponenti kif ukoll tal-familja;

iv. ILLI l-esponenti trid li tiġi terminata, likwidata, u diviża din il-komunjoni u li hi tieħu nofs il-beni li jirriżultaw u nofs il-passiv li ġie kkuntrattat bil-kunsens jew konoxxenza tagħha wkoll."

5. Il-**konvenut CB** laqa' għat-talbiet attriċi bl-eċċezzjonijiet segwenti::

1. "ILLI ma huwiex mogħti d-dritt lil xi waħda mill-konjuġi illi titlob it-terminazzjoni tal-kumonjuni tal-akkwisti mingħajr ma jitlob is-separazzjoni personali;

2. ILLI fil-fatt kawża għal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ma hijiex prevista fil-liġi Maltija u komunjoni tal-akkwisti meta ma hemmx separazzjoni personali hija prevista biss mill-liġi bil-kunsens taż-żewġ partijiet, b'att pubbliku u bil-kunsens, ossia awtorizzazzjoni tal-qorti kompetenti;

3. ILLI fil-fatt l-artiklu 1316 tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16), jagħmilha ċara illi kull żwieġ f'Malta iġib ipso jure bejn il-miżżewġin il-komunjoni tal-akkwisti u fl-artiklu 1318, jagħmilha ċara illi l-partijiet ma jistgħux jidderogaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-kodiċi sa fejn dawn ji[k]konċernaw il-komunjoni tal-akkwisti;

4. ILLI fil-fatt dan huwa punt ta' ordni pubbliku illi ma jistax jiġi derogat u l-ebda waħda mill-partijiet m'għandha d-dritt titlob il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti unilateralment mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra, dment illi ż-żwieġ bejn il-konjuġi għadu fis-seħħ u m'hemmx separazzjoni personali bejn il-miżżewġin;

5. ILLI l-unika deroga f'dan ir-rigward hija dik prevista mill-artiklu 1325 (1) tal-Kap 16 fejn il-Qorti kontenzjuża tista' fuq talba ta' parti fiż-żwieġ tordna illi l-parti l-oħra tkun eskluża mill-amministrazzjoni tal-komunjoni meta jirrikorru kundizzjonijiet speċjali kif hemmhekk

elenkat iżda bl-ebda mod ma tipprevedi t-terminazzjoni jew il-likwidazzjoni tal-komunjoni;

6. ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost qabel ma proċediet b'kawża simili l-attriċi kellha l-ewwel tmur quddiem din il-qorti fil-ġurisdizzjoni tagħha volontarja u takkwista d-debita awtorizzazzjoni min hemm;

7. ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost l-eċċepjenti jinnega dak elenkat fit-tielet paragrafu tar-rikors ġuramentat u ċioè illi l-imġieba tiegħu, b'xi mod jipperikola l-amministrazzjoni l-interessi tal-komunjoni tal-akkwisti. Anzi għal[l]-kuntrarju f'dawn l-aħħar snin kif jirriżulta mil[l]-provi, l-esponenti għamel profitti ta' natura sostanzjali;

8. ILLI l-esponenti fil-fatt jopponi għax-xoljiment u separazzjoni u komunjoni tal-akkwisti mhux biss għaliex din ma hijiex permessa mill-liġi, iżda għaliex m'hemm l-ebda raġuni illi tiġġustifika dan;

9. ILLI id-domandi attriċi huma [i]nfondati fid-dritt u fil-fatt;"

6. B'<u>sentenza preliminari</u> tat-<u>12 ta' April, 2007</u> (fol. 29) l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-qsim ġudizzjarju jista' jintalab fi kwalsiasi żmien anke qabel is-separazzjoni personali. F'dak l-istadju ma sarx appell minn dik is-sentenza..

7. B'<u>sentenza parzjali</u> tas-<u>16 ta' Settembru, 2009</u>, l-Ewwel Qorti ddeċidiet billi ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut u laqgħet l-ewwel talba attriċi:

> "Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u filwaqt li tiddikjara li l-imgieba tal-konvenut qieghed jipperikola l-interessi tal-komunjoni tal-akkwisti u tal-attrici, tilqa' l-ewwel talba tal-attrici u tiddikjara terminata l-komunjoni talakkwisti bejn C u A konjugi B u fl-istess hin tordna li jsir il-qsim gudizzjarju tal-komunjoni tal-beni. Il-komunjoni tal-akkwisti tispicca meta s-sentenza ssir finali u konklussiva.
>
> Bl-ispejjez kontra l-konvenut.
>
> Tiddiferixxi l-kawza ghal kontinwazzjoni fuq it-tieni u tielet talba ghas-seduta tas-16 ta' Ottubru 2009 fit8.15am."

8. Il-konvenut appella minn dik is-sentenza parzjali.

9. B'sentenza tat-2 ta' Marzu, 2010 din il-Qorti diversament komposta ċaħdet dak l-appell:

> "Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell u ghalhekk tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-ewwel Qorti tas-16 ta' Settembru 2009 bl-ispejjez tal-ewwel istanza kif decizi mill-ewwel Qorti. Stante li l-appell huwa wiehed li jirrazenta l-fieragh izda kjarament vessatorju, il-Qorti tikkundana lill-appellant li jhallas l-ispejjez ta' dan l-appell ghal darbtejn ai termini tal-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12.
>
> Tordna li l-atti tal-kawza jigu rimessi lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi.

10. B'sentenza tal-Ewwel Qorti tat-13 ta' Lulju, 2012 l-Ewwel Qorti ddeċidiet **it-tieni talba attriċi. Iddikjarat li l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet kienet tikkonsisti fl-effetti immobbli u effetti mobbli, elenkati minnha fl-istess sentenza; *inoltre*, identifikat u elenkat il-krediti parafernali tal-konvenut, inkluz il-kreditu parafernali konsistenti "fl-ispejjeż li ħareg għall-bini tad-dar matrimonjali, għamara u l-ħlas tas-self mal-Lohombus Corporation li sar qabel iż-żwieg".**

11. Il-konvenut ħassu aggravat b'dik is-sentenza u minnha interpona appell. Talab sabiex il-Qorti tal-Appell:

> "[a] Tvarja l-ewwel kap tas-sentenza u tiddikjara illi d-dar matrimonjali – *omissis* - ghandha tigi eskluza mill-komunjoni tal-akkwisti u tigi dikjarata li hija proprjeta` parafernali tiegħu; . Subordinatament u minghajr pregudizzju f'kaz illi l-Qorti tal-Appell xorta wahda tqis li dan il-fond għandu jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, tvarja t-tielet kap tas-

sentenza, talloka kreditu konsistenti fil-valur tad-drittijiet kollha naxxenti mill-konvenju konkluz relattivament ghall-fond fuq imsemmi...; [b] Tvarja l-ewwel kap tas-sentenza wkoll billi teskludi mill-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti l-immobbli msemmija taht "Immobbli" paragrafu 7 u 8; u [c] Tvarja t-tielet kap tas-sentenza billi, filwaqt li zzid il-flus kollha li jirrizultaw li kienu taz-zijiet tal-konvenut imsemmija fil-paragrafu [ix][a] tas-sentenza, li l-konjugi B kien ghad fadlilhom fil-kont bankarju taghom, tirrikonoxxi wkoll illi dawn il-flus ma humiex kollha parafernali tal-konvenut, imma huma in parte wkoll ta' hu l-konvenut appellanti, DB."

12. B'<u>sentenza</u> ta' din il-Qorti diversament komposta tal-<u>31 ta' Mejju, 2013</u> l-appell tal-konvenut ġie miċħud bl-ispejjeż kontra tiegħu filwaqt li s-sentenza appelllata tat-13 ta' Lulju, 2012 ġiet konfermata. L-atti ġew rimessi lill-Ewwel Qorti.

13. L-Ewwel Qorti ħatret periti tekniċi sabiex issir il-valutazzjoni tal-assi stabbiliti fis-sentenza tagħha tat-13 ta' Lulju, 2012 kif konfermata mill-Qorti tal-Appell.

14. B'**sentenza tat-<u>30 ta' Ġunju, 2023</u>** l-Ewwel Qorti ddeċidiet kif isegwi:

"Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-tielet (3) talba attriċi u konsegwentement:

i. Tadotta d-diviżjoni proposta mill-periti tekniċi Vincent Ciliberti u Vincent Bonello; il-periti tekniċi maħtura f'dawn il-proċeduri, liema diviżjoni tinsab a fol. 1779 tal-proċess;

ii. Konsegwentement għal dak dikjarat fil-paragrafu numru (i), u tenut kont tal-osservazzjonijiet magħmula aktar 'il fuq f'din id-deċiżjoni; tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn u tnejn u erbgħin elf tmien mija u disgħin ewro u ħamsa u għoxrin

ċenteżmu (€242,890.25ċ) sabiex jiġi ekwiparat il-valur li ser imiss lil kull parti wara d-diviżjoni tal-assi mobbli u immobbli skont il-pjan ta' diviżjoni propost mill-periti tekniċi;

iii. Tordna li l-flus u investimenti fil-valur ta' miljun mija u tmienja u sittin elf u tnejn u tmenin ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€1,168,082.36ċ) jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet bl-aħjar mod possibbli tenut kont tan-natura u l-imgħax fuq l-istess;

iv. Tenut kont tal-fatt li l-valur indikat fil-paragrafu (iv) (recte: (iii)) supra ma jinkludix fih l-ammont f'poloz ta' assigurazzjoni indikati f'paġna 20 u 21 tas-sentenza tat-13 ta' Lulju, 2012 bl-ittri (u) sa (z); dawn l-istess poloz għandhom fejn isejħu bħala benefiċċjarji lil kiunkwe' mill-ulied tal-partijiet kontendenti jiġu likwidati favur l-istess benefiċċjarji mentri fejn isejħu bħala benefiċċjarju lil ħaddieħor jiġu likwidati bir-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet;

v. Dwar id-deheb, fidda, u ħaġar prezzjuż din il-Qorti m'hijiex ser tidħol f'eżerċizzju fejn ser tkun hija li taqsam dawn l-oġġetti li jista' jkollhom valur sentimentali jew personali. B'dan li tordna għalhekk li kwalunkwe oġġetti li fuqhom jidher isem ta' xi parti għandha tmur lill-istess parti. Ir-rimamnenti għandhom jinbiegħu bil-liċitazzjoni bir-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet. Għal dan l-għan din il-Qorti qiegħda minn issa tagħti aċċess konġunt fil-preżenza tal-legali tagħhom lill-partijiet f'din il-kawża għall-istess deheb, fidda, u ħaġar prezzjuż.

vi. Il-litiġji għandhom jipprosegwu kif imiss bir-rikavat jew dejn riżultanti minn kull wieħed jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet.

vii. Il-kreditu parafernali tal-konvenut kif likwidat fil-valur ta' dsatax-il elf mija u ħamsa u disgħin ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€19,195.57ċ) għandu jitħallas lilu billi jitnaqqas mill-valur minnu dovut lill-attriċi skont id-diviżjoni tal-assi immobbli u mobbli.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża jinqasmu nofs bin-nofs bejn ilpartijiet."

15. B'rikors tal-appell tal-31 ta' Lulju, 2023 il-konvenut CB intavola appell mis-sentenza tal-Ewwel Qorti tat-30 ta' Ġunju, 2023 u min-numru ta' digrieti. Għar-raġunijiet hemm miġjuba talab lil din il-Qorti "tirrevoka s-sentenza tat-30 ta' Ġunju, 2023 ...........u tiddikjara minflok li s-sentenza hija nulla għar-raġunijiet mogħtija u tilqa' l-aggravji tal-appellant billi

tirrevoka ż-żewġ digrieti tal-ewwel Qorti fl-20 ta' Frar 2015, id-digriet tas-26 ta' Mejju, 2021, l-4 ta' Ottubru 2021, l-14 ta' Ġunju, 2022 u t-12 ta' Diċembru 2019 għar-raġunijiet imfissra".

16. Fl-1 ta' Settembru, 2023 l-attriċi ppreżentat risposta li permezz tagħha, għar-raġunijiet hemm miġjuba, talbet li l-appell tal-konvenut jiġi miċħud bħala frivolu u vessatorju bis-sanzjoni kontemplata f'Artikolu 223 (4) tal-Kap. Kontestwalment l-attriċi ppreżentat ukoll appell inċidentali li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti tirriformaha billi filwaqt li tikkonfermaha safejn laqgħet it-talbiet attriċi, tirriformaha in kwantu (i) kkundannat lill-attriċi sabiex tħallas nofs l-ispejjeż tal-kawża, u minflok il-konvenut jiġi kkundannat iħallas l-ispejjeż kollha; u (ii) tikkundanna lill-konvenut iħallas l-imgħax legali li l-attriċi tilfet meta l-konvenut għalaq il-kontijiet u investimenti tal-partijiet u dawwarhom għal gwadan personali tiegħu.

17. B'risposta tal-25 ta' Ottubru, 2023, il-konvenut laqa' għall-appell inċidentali billi, għar-raġunijiet hemm mogħtija, talab li l-appell inċidentali tal-attriċi jiġi miċħud bħala fieragħ u vessatorju bis-sanzjoni kontemplata f'artikolu 223 (4) tal-Kap. 12.

18. Lura fil-<u>11 ta' Lulju, 2023</u> l-attriċi kienet ippreżentat rikors (*ab omissa decisione*) quddiem l-Ewwel Qorti li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm miġjuba, talbet lill-qorti sabiex:

1. "Ai termini tal-Artikolu 235 tal-Kap. 12 taqta' t-tielet talba proposta mill-attriċi billi tassenja lill-attriċi l-beni u dritijiet fuq elenkati fil-paragrafi (i) sa (ix) u lill-konvenut l-beni u drittijiet fuq elenkati fil-paragrafi (a) sa (i), u tassenja wkoll lill-attriċi is-somma ta' ħames mija u erbgħa u tmenin elf u wieħed u erbgħin ewro u tmintax-il ċenteżmu (€584,041.18) rappreżentanti nofs il-flus u investimenti li ġew likwidati mill-periti tekniċi u tordna u tikkundanna lill-konvenut jgħaddi lill-attriċi dan l-ammont, bl-imgħax jew mid-data ta-sentenza jew minn meta l-flus u investimenti ġew miġbura mill-konvenut;
2. Ai termini tal-Artikolu 825(2) tbiddel espressjoni fis-sentenza dwar il-kap tal-ispejjeż billi tiċċara li l-ispejjeż tal-kawża jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet għajr għall-ispejjeż konnessi mas-sentenzi parzjali tat-12 ta April 2007 u tas-16 ta' Settembru 2009, li jibqgħu kif ġia gew deċiżi."

19. Il-konvenut irrisponda b'risposta ppreżentata fit-<u>2 ta' Ottubru, 2023</u> li permezz tagħha, għar-raġunijiet minnu hemm miġjuba, oppona għal dak ir-rikors.

20. L-Ewwel Qorti appuntat ir-rikors għas-smigħ u fis-<u>27 ta' Ottubru, 2023</u> ippronunzjat sentenza oħra *ai termini* tal-Artikolu 235 tal-Kap. 12, li permezz tagħha ddeċidiet kif isegwi:

"Ghaldaqstant, b`zieda ma` dak li kien deciz bis-sentenza taghha tat-30 ta` Gunju 2023 fuq riferita, il-Qorti qieghda : Tassenja is-segwenti propjetajiet lil AB :

a) Nofs (1/2) indiviz mill-Fond -*omissis* - ;
b) L-enfitewsi perpetwa ta l-arja li fuqha inbnew tliet flats fi – *omissis* -, u ghalhekk illum il-flats li qed jigu assenjati lil AB huma dawk internament

immarkati bin-numru tnejn (2) u n-numru erbgha (4) bl-arja taghhom kif ukoll l-arja tal-flat internament immarkat bin-numru sitta (6);
c) Il-qabar numru seba mija u seba u sittin (767) fic-Cimiterju ta – *omissis* -;
d) Nofs (1/2) indiviz tal-garage b'zewg bibien immarkati bin-numri tnejn (2) u tlieta(3) formanti parti mill-blokk maghruf bhala -*omissis* -;
e) Il-Fond inkluz il-garaxx, - *omissis* -;
f) Nofs (1/2) indiviz tad-dirett dominju u propjeta assoluta bic-cens annwu u temporanju tal-fondi – *omissis* -;
g) Kreditu ta mija u tmenin elf ewro (€180,000) valur ta benefikati li saru f'sit propjeta parafernali tal-konvenut, konsistenti f'bini ta flats u hwienet minflok il- fondi bin-numru - *omissis* - ;
h) Kreditu ta sebgha u tletin elf (€37,000) valur ta benefikati li saru konsistenti f'bini ta tlett sulari u semi basement fi - *omissis* - minflok il-fondi tlieta (3) u erbgha(4);
i) Il-vettura ta l-ghamla - *omissis* - bin-numru ta registrazzjoni – *omissis* -.

Tassenja lill-konvenut CB is-segwenti:

a) Nofs indiviz (1/2) ta kamra – *omissis* -, liema kamra illum tifforma parti mir-restaurant – *omissis* -;
b) Ottava parti (1/8) indiviza mill-hanut bl-isem – *omissis* -;
c) Nofs indiviz (1/2) tad-drittijiet ereditarji li kellhom E u F ahwa B mis-successjonijiet ta GB, HB, IJ u KJ li gew akkwistati mill-partijiet b'kuntratt tat-22 ta Jannar, 1998 fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri;
d) L-avvjament tan-negozju tar-restaurant - *Omissis* -;
e) Is-somma ta mitejn u erbghin elf ewro (€240,000) bhala kreditu ghal benefikati li saru fir-restaurant -*omissis* -;
f) Il-vettura ta l-ghamla – *omissis* - bin-numru ta registrazzjoni – *omissis* -;
g) Il-lanca bl-isem - *omissis* - bin-numru ta registrazzjoni – *omissis* -;
h) Il-lanca bl-isem – *omissis* - bin-numru ta registrazzjoni – *omissis* -,
i) Frejgatina minghajr isem.

In oltre il-Qorti qed tassenja lill-attrici is-somma ta hames mija erbgha u tmenin elf, u wiehed u erbghin ewro u tmintax -il centezmu (€584,041.18) rapprezentanti nofs is-somma ta miljun mija u tmienja u sittin (€1,168,082.36) u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici dan l-ammont blimghax mid-data tas-sentenza.

Bl-ispejjez tal-kawza jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet ghajr ghal dawk ispejjez konnessi mas-sentenzi pazjali tat-12 ta April, 2007 u dik tas-16 ta Settembru, 2009, li ghandhom jibqghu kif gew decizi f'dawk is-sentenzi."

21. Fl-24 ta' Novembru 2023 il-konvenut ippreżenta t-tieni rikors tal-appell din id-darba mit-tieni sentenza tal-Ewwel Qorti tas-27 ta' Ottubru, 2023. Permezz ta' dan ir-rikors tal-appell talab lil din il-Qorti, għar-raġunijiet minnu hemm imsemmija, sabiex b'żieda mal-appell oriġinali tiegħu, tħassar is-sentenza ulterjuri tas-27 ta' Ottubru, 2023 "u tiddikjara minflok li dik is-sentenza hija nulla".

22. L-attriċi rrispondiet għal dan it-tieni appell b'risposta tal-11 ta' Marzu, 2024 li permezz tagħha, għar-raġunijiet hemm mogħtija, talbet li dan it-tieni appell jiġi wkoll miċħud u dikjarat fieragħ u vessatorju b'applikazzjoni tal-Artikolu 10 tat-Tariffa A tal-iskeda A tal-Kap. 12.

23. Din il-Qorti, wara li rat l-atti kollha, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dawn l-appelli għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza bis-saħħa tal-**Artikolu 152(5) tal-Kapitolu 12** tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidat:**

**L-Appell Prinċipali tal-Konvenut mis-Sentenza tat-30 ta' Ġunju, 2023**.

24. Tajjeb jiġi puntwalizzat illi s-sentenzi parzjali tal-Ewwel Qorti li permezz tagħhom ġew miċħuda l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut kif ukoll ġew akkolti l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi, illum jikkostitwixxu ġudikat bejn il-partijiet in kwantu kollha ġew appellati mingħajr suċċess mill-konvenut.

25. Permezz tal-ewwel aggravju fl-appell prinċipali tal-konvenut, l-appellant jattakka s-sentenza appellata bħala nulla għaliex jgħid "li l-proċess mhux integru". Jispjega dan l-aggravju billi jgħid illi l-atti tal-kawża numru 6/07 fl-ismijiet "**AB v. CB**" (il-kawża tas-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet) "mhux allegat" u "lanqas ġie deċiż flimkien mal-kawża odjerna". Jgħid li l-process ukoll mhux integru peress illi hemm diversi rikorsi "mhux dekretati".

26. Nibdew bl-ewwel parti tal-ewwel aggravju u cjoè l-ilment li l-kawża odjerna u l-kawża tas-separazzjoni personali ma ġewx deċiżi flimkien u li allura, skont l-appellant, is-sentenza appellata hija nulla u għandha titħassar.

27. Jirriżulta illi fil-verbal tat-3 ta' Ġunju, 2014, li l-Ewwel Qorti ddegretat illi l-kawża tas-separazzjoni ta' bejn il-partijiet numru 6/2007 tinġieb quddiemha sabiex "timxi kontestwalment mal-kawża odjerna".

28. Hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet jekk effettivament l-Ewwel Qorti ordnatx il-konnessjoni taż-żewġ kawżi fit-termini tal-Artikolu 793 tal-Kap. 12. L-appellata tirrileva fir-risposta tagħha illi l-verbal tat-3 ta' Ġunju, 2014 mhux jordna l-konnessjoni taż-żewġ kawżi imma li jinstemgħu flimkien. Tirrileva wkoll li l-konvenut appellant kien ġia ressaq qabel dakinhar rikors b'talba sabiex l-Ewwel Qorti tordna l-konnessjoni taż-żewġ kawżi, iżda dak ir-rikors kien ġie miċħud b'digriet tal-5 ta' April, 2007.

29. Huwa minnu li d-digriet fil-verbal tat-3 ta' Ġunju, 2014 jordna sabiex il-kawża tas-separazzjoni personali li kienet qed tinstema' minn ġudikant ieħor tinġieb quddiem il-qorti li kienet qed tipresjedi l-kawża odjerna. Huwa minnu wkoll li l-Ewwel Qorti ordnat sabiex il-kawża tas-separazzjoni "timxi kontestwalment mal-kawża odjerna".

30. Huwa statwit illi meta bejn żewġ kawżi jew iżjed imressqin quddiem qorti waħda jkun hemm konnessjoni ta' suġġett, jew, meta d-deċiżjoni ta' waħda tista' tolqot id-deċiżjoni tal-oħra jew tal-oħrajn, il-qorti tista' tordna li d-diversi kawżi jiġu mismugħin flimkien. Il-kawżi mismugħin flimkien fil-qorti tal-ewwel grad, jistgħu jiġu hekk ukoll mismugħin fil-qorti fi grad ta' appell, mingħajr ma jkun jinħtieġ ordni ieħor tal-qorti. Però f'kull każ sew fil-qorti tal-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta' appell, għandha tingħata f'kull kawża sentenza separata. (**Art. 793, Kap. 12**).

31. Din il-Qorti tqis illi anke jekk il-verbal tat-3 ta' Ġunju, 2014 jitqies bħala digriet ta' konnessjoni taż-żewġ kawżi fit-termini tal-Artikolu 793, imkien il-Kodiċi tal-Proċedura ma jorbot idejn il-qorti li f'tali ċirkostanzi għandha tiddeċiedi ż-żewġ kawżi fl-istess seduta taħt piena ta' nullità. Tant hu hekk illi anke meta wara digriet ta' konnessjoni ta' żewġ kawżi jew aktar jiġu deċiżi u jsir appell minnhom, mhux mandatorju li l-appelli jinstemgħu flimkien. Dan b'differenza minn meta l-qorti tilqa' l-eċċezzjoni tal-*litis pendentia ai termini* tal-**Artikolu 792 tal-Kap. 12** fejn il-mertu fiż-żewġ kawżi, sħiħ jew parzjalment, ikun "l-istess" u mhux "konness". (ara **Joseph Attard et v. Mario Attard et** - Qorti tal-Appell - 14 ta' Diċembru, 2018).

32. Huwa evidenti illi l-appellant ma għarafx id-distinzjoni bejn konnessjoni ta' kawżi fit-termini tal-Artikolu 793 tal-Kap. 12 u l-*lis alibi pendens* fit-termini tal-Artikolu 792 tal-Kap. 12.

33. **Issib dan l-aggravju bħala totalment infondat u qed tiċħdu.**

34. F'dan l-ewwel aggravju l-appellant jilmenta wkoll illi l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża mingħajr ma ddeċidiet numru ta' rikorsi pendenti.

35. Jirreferi għal rikors tat-12 ta' Marzu, 2014 li permezz tiegħu talab lill-Ewwel Qorti kjarifika dwar liema data kellha tittieħed in konsiderazzjoni sabiex jiġu stmati l-investimenti. Bil-fatt li tali rikors ma ġiex degretat ma jirrendix is-sentenza appllata nulla. Tqis li tali talba lanqas kienet flokha għaliex proprju dak mitlub huwa parti mill-mertu tal-kawża li f'dak il-mument kien qed jiġi kkunsidrat mill-esperti ġudizzjarji u li għalhekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex tippronunzja ruħha dwaru jekk mhux fis-sentenza. Issib dan l-aggraju bla siewi u fieragħ għal kollox,

36. L-appellant jilmenta wkoll li fis-7 ta' Awwissu, 2019 huwa kien talab lill-Ewwel Qorti r-revoka jew ir-riduzzjoni ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra tiegħu iżda dan ir-rikors baqa' qatt ma ġie degretat.

37. Huwa assolutament inspjegabbli kif l-appellant qed jippretendi li din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata peress li rikors għal revoka ta' mandat kawtelatorju ma ġiex degretat fil-mori tal-kawża. Is-sentenza appellata ingħatat fit-30 ta' Ġunju, 2023, kważi erba' snin wara li ġie intavolat dak ir-rikors, u ma jidhirx li l-appellant ħa xi passi sabiex jinsisti għad-determinazzjoni tiegħu. Mill-atti però jirriżulta illi tul il-kors tal-kawża l-appellant għamel diversi tentattivi oħra sabiex jiġi revokat dak il-mandat kawtelatorju iżda li ġew kollha riġettati mill-Ewwel Qorti.

38. **Issib dan l-aggravju manifestament infondat u fieragħ, u għalhekk tirriġettah.**

39. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li numru ta' digrieti mogħtija mill-Ewwel Qorti ma kienux "ekwi u ġusti u lanqas kienu motivati jew spjegati adegwatament" u għalhekk jitlob ir-revoka tagħhom.

40. Jibda billi jsemmi żewġ digrieti mogħtija t-tnejn fl-20 ta' Frar, 2015. Jgħid li permezz tal-ewwel digriet il-Qorti ċaħdet rikors tiegħu tad-19 ta' Frar, 2015 u għaddiet sabiex "ordnat li l-awditur jinvestiga investimenti datati wara t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti". Jgħid li permezz tat-tieni digriet mogħti fl-istess jum waqt is-seduta "l-awditur ġie awtorizzat jinvestiga investimenti mill-2006 – 2014". Jirreferi għal sentenza li kienet ingħatat mill-Ewwel Qorti diversament presjeduta fit-13 ta' Ġunju, 2012 fejn jallega li permezz ta' dik is-sentenza li għaddiet in ġudikat wara appell, il-qorti kienet "diġa enunċjat liema kienu dawk il-bilanċi li kellhom jagħmlu parti mill-Komunjoni tal-akkwisti." Ikompli jgħid illi "Isegwi għalhekk li ma kien hemm ebda ħtieġa li ssir ebda investigazzjoni dwar x'kien il-quantum tal-flus tal-komunjoni għax dan kien diġa enunċjat, deċiż u mgħoddi in ġudikat". Jgħid li permezz ta' dik is-sentenza l-Ewwel Qorti diversament presjeduta kienet ġia għalqet il-provi, "identifikat l-assi u l-passiv tal-komunjoni tal-akkwisti" u li għalhekk ma kellhiex f'moħħha li wara erba' snin mit-terminazzjoni tal-komunjoni

tal-akkwisti "tanalizza is-sitwazzjoni finanzjarja ta' parti waħda biss mill-ġdid biex tirrivedi u tvarja il-bilanċi tal-investimenti ġia elenkati u kwantifikati minnha stess fl-istess sentenza."

**Ikkunsidrat:**

41. L-ewwel digriet tal-20 ta' Frar 2015 jaqra kif isegwi:

> "Rat ir-rikors ta' CB tad-19 ta' Frar, 2015;
> Rat id-deċiżjoni preliminari tat-13 ta' Ġunju 2012 fejn ġie deċiż:
> "Illi wara li l-Qorti eżaminat id-diversi dokumenti li ġew preżentati jirriżultalha li kien hemm diversi kontijiet u investimenti li ngħalqu jew inbiegħu wara li l-attriċi telqet mid-dar. Dawn ukoll għandhom jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti u għandu jsir eżami tal-movimenti li saru fl-istess kontijiet jew investimenti mill-konvenut meta fi stadju ulterjuri jkun qiegħed jiħi eżaminat is-sehem ta' kull parti meta l-komunjoni tkun qegħda tiġi likwidata. Għaldaqstant jekk jirriżulta li saru trasferimenti bejn kont u ieħor dawn ukoll se jittieħdu in konsiderazzjoni meta l-komunjoni tkun qed tiġi likwidata".
> In vista ta' tali deċiżjoni tiċħad it-talbiet".

42. Fl-istess jum waqt is-seduta l-Ewwel Qorti kompliet tiddekreta:

> "Filwaqt li tagħmel referenza għas-sentenza tat-13 ta' Ġunju, 2012 fejn huwa ndikat ċar li għandhom isiru investigazzjonijiet dwar l-investiment u l-kontijiet tal-partijiet u stante li mis-sentenza konfermata fl-appell tat-2 ta' Marzu 2010 joħroġ ċar li fil-mori tal-kawża u anke qabel kien hemm diversi manuvri sabiex jinħbew il-flus tal-komunjoni tal-akkwisti. Qed tawtorizza lill-awditur Vincent Bonello sabiex jitlob informazzjoni dwar investimenti u kontijiet tal-partijiet mill-bidu tal-2006 sal-aħħar ta' Ottubru 2014".

43. L-appellant m'għandux raġun. Fis-sentenza tat-13 ta' Ġunju, 2012, eventwalment konfermata mill-Qorti tal-Appell, l-Ewwel Qorti sabet numru konsiderevoli ta' kontijiet bankarji u investimenti finanzjarji li l-

konvenut għalaq u ttermina u approprja ruħu minn dawk il-fondi mingħajr ma ta ebda spjegazzjoni dwar fejn spiċċaw dawk il-fondi. Bil-fatt li l-Ewwel Qorti sussegwentement awtorizzat lill-periti ġudizzjarji minnha nominati għall-finijiet tal-qasma tal-assi komuni sabiex jistabbilixxu fejn spiċċaw dawk il-fondi kif ukoll jistabbilixxu l-valur tagħhom, ma sar l-ebda nuqqas. Anzi fis-sentenza tat-13 ta' Ġunju, 2012 l-Ewwel Qorti kienet għamlitha ċara illi meta ser tiġi għall-qasma tal-assi ser toħodhom in konsiderazzjoni.

44. Huwa minnu li f'dik is-sentenza l-Ewwel Qorti bdiet billi enunzjat: "Illi din is-sentenza hija limitata sabiex tigi determinata l-konsistenza tal-komunjoni ta' l-akkwisti." Iżda f'dik is-sentenza ngħad ukoll kif isegwi:

> "Illi wara li l-Qorti ezaminat id-diversi dokumenti li gew prezentati jirrizultalha li kien hemm diversi kontijiet u investimenti li nghalqu jew inbieghu wara li l-attrici telqet mid-dar. Dawn ukoll ghandhom jifformaw parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti u ghandu jsir ezami tal-movimenti li saru fl-istess kontijiet jew investimenti mill-konvenut meta fi stadju ulterjuri jkun qieghed jigi ezaminat is-sehem ta' kull parti meta l-komunjoni tkun qeghdha tigi likwidata. Ghaldaqstant jekk jirrizulta li saru trasferimenti bejn kont u iehor dawn ukoll se jittiehdu in kunsiderazzjoni meta l-komunjoni tkun qed tigi likwidata.

45. Isegwi illi skont is-sentenza tat-13 ta' Ġunju, 2012, appellata mill-konvenut u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell, kwalunkwe "kontijiet u investimenti li ngħalqu jew inbiegħu wara li l-attriċi telqet mid-dar" kienu qed jiġu kkunsidrati bħala parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Tant li pprovdiet ukoll li fi stadju ulterjuri tal-proċeduri għandu jsir "eżami tal-

movimenti li saru fl-istess kontijiet jew investimenti mill-konvenut meta fi stadju ulterjuri .........."

46. Wara s-sentenza tat-13 ta' Ġunju, 2012 l-Ewwel Qorti nnominat bħala periti ġudizzjarji lil Vincent Ciliberti u lill-awditur Vincent Bonello sabiex (i) jagħtu valur lill-assi kollha tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet kontendenti skont kif likwidati fis-sentenza tat-13 ta' Lulju, 2012 u kkonfermata fl-appell fil-31 ta' Mejju, 2013, u sabiex (ii) jitħejja pjan ta' diviżjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-parijiet.

47. Il-konklużjoni tar-relazzjoni tagħhom ippreżentata fis-6 ta' Lulju, 2018[1] ġiet riprodotta fis-sentenza appellata kif ġej:

i. "F'varji istituzzjonijiet finanzjarji u banek il-partijiet kontendenti kellhom depożitati/investiti bejniethom is-somma ta' €1,168,082.36; 208

ii. Il-proprjetà immobbli tikkonsisti fis-segwenti u hija valutata kif ser jingħad:
1. Nofs indiviz (½)—mill-fond – *omissis* -—li eventwalment kien sar parti mir-ristorant – *omissis* - —stmat fil-valur ta' €85,000;
2. Enfitewsi perpetwa tal-arja li fuqha nbnew tliet (3) appartamenti fi – *omissis* -. Hawnhekk il-valur ingħata għal żewġ appartamenti bl-arja tagħhom fis-somma kumplessiva ta' €190,000— €80,000 kull appartament u €30,000 għall-arja;
3. Qabar numru 767 fiċ-ċimiterju ta' - *omissis* - —stmat fil-valur ta' €2,500;
4. Nofs indiviż (½)—tal-garaxx b'żewġ (2) bibien – *omissis* - — stmat fil-valur ta' €45,000;
5. Nofs indiviz (½) — ta' kamra – *omissis* - —li eventwalment kien sar parti mir-ristorant – *omissis* - —stmat fil-valur ta' €65,000;
6. Id-dar bil-garaxx, - *omissis* -. Dan il-post beda bħala sit li l-konvenut ħa ma' għarusa li kellu qabel l-attriċi mingħand id-Dipartiment tad-Djar u li żviluppa f'dar qabel iżżewweg lill-attriċi.

[1] Fol. 1678 *et. seq*.

B'dan iżda li l-kuntratt relattiv li ġie esibit in atti juri li l-enfitewsi perpetwa bejn id-Dipartiment tad-Djar u l-konvenut ġiet iffirmata fl-14 ta' Novembru, 1984 u allura wara ż-żwieġ tiegħu mal-attriċi li seħħ fit-3 ta' Ġunju, 1984. Oltre minn hekk iċ-ċens ġie mifdi fid-29 ta' Marzu, 1995. Id-dar ġiet għalhekk meqjusa parti millkomunjoni tal-akkwisti bil-konvenut iżda, ġie meqjus bħala li għandu kreditu parafernali favur tiegħu kemm għal dak li jirrigwarda lħlas lura tas-self li kien ħa mingħand Lohombus Corporation kif ukoll dak li jirrigwarda l-bini u tagħmir tal-istess dar. Din id-dar ġiet stama fil-valur ta' €186,349.51 b'dan il-valur mogħti għas-sena 1983 u jinkludi fih l-ispejjeż biex ġiet mghammra l-istess dar kif ukoll il-ħlas lura tas-self meħud fir-rigward u x-xogħol manwali tal-konvenut sabiex inbniet id-dar;
7. Ottav indiviż (1/8)—mir-ristorant – *omissis* -—stmat fil-valur ta' € 120,000; 7(a) kwart indiviz (¼ )—mill-fondi – *omissis* -—il-perit tekniku hawnhekk indika li ma rnexxilux jottjeni l-informazzjoni neċessarja sabiex jivvaluta dawn l-ambjenti;
8. Nofs indiviż (½)—tad-drittijiet ereditarji li kellhom E u F aħwa B mis-suċċessjonijiet ta' GB, HB, IJ u KJ–stmat fil-valur ta' €180,000;
9. Nofs indiviz (½ )—tad-dirett dominju u assoluta proprjetà u taċ-ċens annwu u temporanju tal-fondi – *omissis* - —hawnhekk kien fadal x'jiġi stmat bħala parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet kontendenti biss l-arja ta' fuq it-tielet sular li nżammet in komun bejn l-aħwa FS—konvenut—u DB. Din ġiet stmata fil-valur ta' €60,000;
10. Bini konsistenti f-appartamenti u ħwienet fi *Omissis* li nbena minflok il-fondi – *omissis* -—stmat fil-valur ta' €180,000;
11. Alterazzjonijiet strutturali estensivi fir-ristorant – *omissis* - u r-rennovar tal-istess f'żewg okkazjonijiet— kollox stmat fil-valur ta' €240,000;
12. Bini ta' tliet (3) appartamenti fuq l-arja sovrastanti l-garaxx – *omissis* -. Il-perit tekniku hawnhekk illikwida x-xogħol manwali tal-konvenut sabiex għamel dan il-bini u dan fil-valur ta' €25,000;
13. Bini konsistenti fi tliet (3) sulari u semi-basement fi - *omissis*. Hawnhekk ukoll, il-perit tekniku llikwida x-xogħol manwali tal-konvenut sabiex għamel dan il-bini u dan fil-valur ta' € 37,000;

iii. Il-proprjetà mobbli tikkonsisti fis-segwenti u hija valutata kif ser jingħad:
1. Il-vettura tal-marka – *omissis* -bin-numru ta' reġistrazzjoni – *omissis* - tas-sena 2004—stmata fil-valur ta' €4,700;
2. Il-vettura tal-marka – *omissis* –bin-numru ta' registrazzjoni – *omissis* - tas-sena 1998— stmata fil-valur ta' €2,700;
3. Il-lanċa ta' 41" bl-isem – *omissis* - u bin-numru ta' reġistrazzjoni – *omissis* -—stmata fil-valur ta' €160,000;
4. Il-lanċa ta' 21½" bl-isem – *omissis*- u bin-numru ta' reġistrazzjoni –*omissis*- —stmata fil-valur ta' €42,000;
5. Il-frejgatina ta' 16", bla isem, u mhux reġistrata— stmata fil-valur ta' €1,630;

> 6. Deheb, fidda, u ħaġar prezzjuż kif depożitat taħt l-awtorità tal-Qorti fil-21 ta' Diċembru, 2006 fl-atti tal-Ittra (Qorti tal-Familja) numru 86/2006PC. Il-perit tekniku hawnhekk indika li ma ngħatax l-opportunità jara dawn l-effetti u għalhekk ma setax jagħti valur għalihom;
> 7. L-avvjament tan-negozju – *omissis* - —stmat fil-valur ta' €460,000."

48. Fl-istadju li l-periti ġudizzjarji ppreżentaw ir-relazzjoni peritali tagħhom, l-ebda talba għall-isfilz tar-rapport peritali ma ressaq il-konvenut. Anzi għamlihom domandi in eskussjoni u sussegwentement talab in-nomina ta' periti addizzjonali, talba li l-Ewwel Qorti akkordat u nnominat tliet periti ġudizzjarji. Kien minħabba n-nuqqas tal-konvenut li jiddepożita somma ordnata mill-Ewwel Qorti sabiex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż marbuta mal-perizja addizzjonali li l-Ewwel Qorti kienet kostretta tirrevoka n-nomina tagħhom.

49. Fl-eskussjoni lilhom magħmula mill-konvenut, il-periti ġudizzjarji enfasizzaw illi dwar il-konsistenza tal-assi li kellhom jiġu valutati u diviżi, huma qagħdu ma' dawk stabbiliti fis-sentenza tat-13 ta' Lulju, 2012 u l-kompitu tagħhom kien li jagħtu l-valuri relattivi. Dan huwa wkoll rifless fis-sentenza appellata:

> "B'risposta għad-domandi in eskussjoni magħmula lill-perit tekniku Vincent Bonello mill-konvenut, il-perit tekniku jiddikjara li huwa qies is-sentenza parzjali mogħtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta nhar it-13 ta' Lulju, 2012 bħala dik finali fir-rigward tal-konsistenza talassi tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.
>
> Jiddikjara wkoll li huwa għamel l-eżerċizzji indikati flistess sentenza sabiex wasal għaċ-ċifri li wasal għalihom.

Jiddikjara ulterjorment li irrispettivament minn fejn ġew il-flejjes li nstabu akkont tal-partijiet jew min minnhom, il-kontijiet ġew ilkoll indikati fis-sentenza msemmija kif konfermata fl-appell.

Dwar id-data tat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti—it-2 ta' Marzu, 2010 skont is-sentenza tal-appell kif ukoll id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta fejn tat struzzjonijiet lill-periti teknici—jgħid li huwa kkunsidra biss l-assi indikati fis-sentenza tat-13 ta' Lulju, 2012.

Mistoqsi dwar sehem li seta' kellu t-terz DB, hu l-konvenut, jgħid li huwa ha biss in kunsiderazzjoni l-assi finanzjarji msemmija fis-sentenza tat-13 ta' Lulju, 2012.

B'risposta għad-domandi in eskussjoni magħmula lill-perit tekniku Vincent Ciliberti mill-konvenut, il-perit tekniku jiddikjara li fl-eżekuzzjoni tal-inkarigu tiegħu sabiex wasal għall-valuri li ta' lill-proprjetajiet varji huwa straħ fuq l-istruzzjonijiet mogħtija mill-Qorti kif ukoll ixxhieda miġjuba u l-informazzjoni miġbura. Dwar il-valur tal-avvjament tan-negozju jgħid li hawnhekk kin ukoll assisti mill-perit tekniku l-ieħor

Jinsisti li huwa vvaluta biss il-proprjetà indikata fis-sentenza tat-13 ta' Lulju, 2012 kif konfermata fl-appell.

Jgħid li l-valutazzjonijiet u l-pjan ta' diviżjoni jirriflettu wkoll l-krediti parafernali riservati favur il-konvenut fid-deċiżjoni tat-13 ta' Lulju, 2012."

50. **Issib għalhekk li l-aggravju relatat maż-żewġ digrieti tal-20 ta' Frar 2015 bħala totalment infondat, bla siewi u fieragħ u għalhekk qed jiġi miċħud.**

51. L-appellant jilmenta wkoll minn digriet mogħti fis-seduta tas-26 ta' Mejju, 2021 fejn l-Ewwel Qorti ordnat lill-konvenut sabiex jiddepożita s-somma ta' €10,000 akkont tal-ispejjeż marbuta mal-perizja addizzjonali; minn digriet tal-4 ta' Ottubru, 2021 fejn l-Ewwel Qorti ordnatlu sabiex jiddepożita dak l-ammont fi żmien ġimgħa u minn digriet tal-14 ta' Ġunju, 2022 li permezz tiegħu l-Ewwel Qorti irrevokat in-nomina tal-periti addizzjonali minħabba li l-appellant naqas milli jiddepożita s-somma ta'

€10,000.00. L-appellant jgħid li l-periti addizzjonali setgħu jitħallsu minn flus li kienu depożitati ġia taħt l-awtorità tal-qorti, però ma ġab l-ebda prova li ma kienx f'pożizzjoni li jġib dak l-ammont minn sorsi oħra. Aktar u aktar meta kif rajna l-konvenut kien approprja għalih eluf kbar ta' ewro appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti.

52. **Dan l-aggravju mhux biss huwa bla siewi, imma huwa wkoll fieragħ u vessatorju u għalhekk qed jiġi miċħud.**

53. L-aħħar digriet li qed jilmenta minnu l-appellant huwa dak tat-12 ta' Diċembru, 2019 li permezz tiegħu l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tiegħu sabiex mill-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 25/19 jitneħħew proprjetajiet li l-konvenut iqis li huma parafernali tiegħu u mhux tal-komunjoni.

54. Bil-fatt li bil-preżenti qed tingħata sentenza finali, il-kodiċi ritwali jipprovdi kif għandhom jiġu regolati l-mandati kawtelatorji. Dan għaliex bħala regola ġenerali l-mandati kawtelatorji jibqgħu fis-seħħ sakemm il-kawża tgħaddi f'ġudikat (**Art. 838B, Kap. 12**).

55. **Tiċħad għalhekk dan l-aggravju.**

56. Permezz tat-tielet aggravju l-appellant jattakka s-sentenza appellata għaliex jgħid li l-Ewwel Qorti adottat id-diviżjoni proposta mill-periti tekniċi minnha maħtura wara li kienet ikkonstat illi wieħed mill-esperti ma kienx esplita l-inkarigu lilu mogħti b'mod xieraq. Jgħid illi l-espert ivvaluta d-dar matrimonjali fis-somma ta' €186,340.00 relattiv għas-sena 1983 minflok għas-sena meta ġiet xolta l-komunjoni tal-akkwisti. Jilmenta li l-Ewwel Qorti ppenalizzatu peress li "deher indispost jressaq informazzjoni mitluba minnu". Jgħid li "ma kellux għalfejn jippreżenta aktar dokumenti għaliex id-dokumenti kollha kienu fil-proċess u kull ma kellu jagħmel l-espert hu li jistudja l-proċess kif kien madankollu inkarigat jagħmel. Pero' għal xi raġuni l-Ewwel Qorti ippretendiet li dan l-eżerċizzju kellu jagħmlu l-esponent hekk kif bassret li jagħmel in kwantu il-kejl tax-xogħol li sar fid-dar matrimonjali".

57. Dan il-kap tat-tielet aggravju ma hu siewi xejn. Jekk l-unika prova li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti dwar il-valur tad-dar matrimonjali kienet dik provduta mill-espert ġudizzjarju, kien fid-diskrezzjoni tagħha tadottax dak il-valur jew le. Tali sitwazzjoni ġabha b'idejh l-istess appellant meta wara li l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba tiegħu għal ħatra ta' periti addizzjonali, ġiet kostretta tirrevoka n-nomina tagħhom wara li l-appellant naqas milli jiddepożita l-ammont ordnat mill-Qorti bħala garanzija għall-ħlas tal-ispejjeż marbuta mal-perizja addizzjonali. L-appellant jirrepeti l-argument li l-provi kienu magħluqa u allura ppretenda li xejn aktar provi

ma kellhom jidħlu fil-proċess. Anke hawn l-appellant huwa żbaljat. Il-provi kienu magħluqa in kwantu fiex kienu jikkonsistu l-assi tal-komunjoni u dwar tali konsistenza ngħatat kif rajna sentenza parzjali fit-13 ta' Ġunju, 2012. Wara li dik is-sentenza ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell, l-Ewwel Qorti għaddiet sabiex tisma' provi dwar il-valur ta' dawk l-assi. Il-ħatra tal-esperti ġudizzjarji f'dak l-istadju huwa turija, jekk turija kien hemm bżonn, illi l-Ewwel Qorti kienet altru milli fil-limiti tagħha li tiġbor il-provi dwar il-valur tal-komunjoni, li ma kienx is-suġġett tas-sentenza tat-13 ta' Ġunju, 2012. Jekk il-konvenut ried ikun konsistenti fil-pożizzjoni li qed jieħu issa f'dan l-istadju tat-tieni grad, kellu allura jopponi għall-ħatra tal-esperti ġudizzjarji. Dan għaliex kif inhu magħruf ir-relazzjonijiet tal-esperti ġudizzjarji huma meqjusa bħala provi.

58. Perizja hi fonti oġġettiva ta' prova. Hi strument ta' valutazzjoni taħt il-profil tekniku ta' dawk l-elementi idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tal-ġudikant. (ara **Paul Cutajar v. Bugeja Marbles Ltd.** - Appell Inferjuri - 10 ta' Jannar, 2007).

59. Bis-saħħa tal-**Artikolu 681 tal-Kapitolu 12** tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti għandha l-fakultà illi ma taċċettax il-konklużjoni tal-periti tekniċi kontra l-konvinzjoni tagħha nnifisha, u dan irrispettivament mill-fatt jekk saritx ħatra ta' periti addizzjonali. Madanakollu, sabiex qorti tasal li ma taċċettax il-konklużjonijiet tar-relazzjoni teknika, dan ma tistax tagħmlu

b'mod leġġer jew kapriċċuż. Jingħad illi jekk il-qorti jkollha konvinzjoni kuntrarja din għandha tkun mgħarrfa tajjeb biżżejjed u bbażata fuq raġunijiet li gravament ipoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'raġunijiet li ma għandhomx ikunu nieqsa mill-konsiderazzjonijiet tal-aspett tekniku mertu tal-kawża. Altrimenti, ikun prużuntuż għall-ġudikant li jaġixxi mod ieħor. (ara. **AIC David Xuereb noe. v. Aviation Cosmetics B.V.** - Appell Superjuri - 12 ta' Lulju, 2023; **Nathalie Bartolo v. Id-Dentist Dr Jeffrey Pullicino Orlando et.** - Appell Superjuri - 31 ta' Mejju, 2023; **Giswarda Bugeja et v. Emmanuele Muscat et.** - Appell Superjuri - 23 ta' Ġunju, 1967; **Philip Grima v. Carmelo Mamo et noe** - Appell Superjuri - 29 ta' Mejju, 1998).

60. Dwar il-valur tad-dar matrimonjali l-Ewwel Qorti rraġunat kif ġej:

> "6. Id-dar bil-garaxx, bla numru u bl-isem – *omissis* -. Il-Qorti kif diversament presjeduta hawnhekk tat struzzjonijiet sabiex jiġi likwidat kreditu li ċertament kellu favur tiegħu l-konvenut peress li din id-dar inbniet minnu u huwa ħa self mingħand Lohombus Corporation fir-rigward. Din l-osservazzjoni l-istess Qorti għamlitha kemm taħt l-intestatura (1) Immobbli, fil-paragrafu 6 kif ukoll fil-paragrafu numru 3 tal-parti dispożittiva tad-deċiżjoni parzjali tat-13 ta' Lulju, 2012.
>
> Min-naha tagħhom, il-periti tekniċi kkonstataw il-valur ta' din il-proprjetà bħala ta' mija u sitta u tmenin elf tlieta mija u disgħa u erbgħin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€186,349.51ċ), bil-valur mogħti għas-sena 1983 u fih jinkludi spejjeż sabiex ġiet kompluta d-dar, ħlasijiet fuq is-self meħud mill-Lohombus Corporation magħmula mill-konvenut, u x-xogħol manwali tal-konvenut. Dan l-istess reġa' kkonfermah il-perit tekniku Vincent Ciliberti in eskussjoni.
>
> Id-diffikultà hawnhekk hi li filwaqt li l-valur mogħti mill-periti tekniċi jinkludi fih il-kreditu parafernali tal-konvenut; dan il-kreditu ma ġiex stabbilit.

Din il-Qorti hija tal-fehma li kellhom ikunu l-partijiet li jinsistu sabiex il-periti tekniċi jiddistingwu bejn il-valuri tal-ispejjeż inkorsi mill-konvenut, is-self imħallas minnu, u x-xogħol manwali tiegħu sabiex b'hekk jiġi aċċertat l-kreditu parafernali tiegħu. Dan ma sarx u dan anke b'riżultat tar-retticenza tal-konvenut f'li jressaq provi dwar allegati krediti parafernali tiegħu kif diġà ntqal.

Din il-Qorti sejra għalhekk tqis il-valur mogħti mill-periti tekniċi bħala l-valur reali tal-proprjetà fid-data opportuna għall-eżiġenzi ta' din id-deċiżjoni mingħajr ma tnissel ebda valur dovut lill-konvenut bħala kreditu parafernali tiegħu stante li kien huwa li naqas mill-obbligu tiegħu li jressaq provi f'dan is-sens— nonostante d-diversi opportunitajiet mogħtija lilu mill-Qorti għal dan il-għan ………..".

61. Din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fir-raġunament tal-Ewwel Qorti. Fiċ-ċirkostanzi partikolari minnha mfissra, qieset illi l-konvenut kellu kreditu parafernali li ma ġiex minnu ppruvat u għalhekk ħadet in konsiderazzjoni l-valur kif mogħti mill-periti. Kien il-konvenut appellant stess li ma nqediex bl-għodda tal-periti addizzjonali għaliex baqa' ma ddepożitax l-ammont ta' spejjeż ordnat mill-qorti. Sewwa rraġunat l-Ewwel Qorti illi in mankanza ta' provi oħra kellha tieħu kont tal-valur mogħti fil-perizja teknika.

62. L-appellant imbagħad għadda sabiex jattakka s-sentenza appellata safejn stabbilit li l-valur tal-flus u investimenti appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti huwa ta' €1,168,082.0. Jgħid li meta l-Ewwel Qorti adottat ir-rapport peritali "adottat il-kalkoli żbaljati tal-perit". Jelenka l-ilmenti tiegħu fir-rigward:

(i) "L-esperti ma qagħdux mal-elenku pprovdut fis-sentenza tat-13 ta' Ġunju, 2012 in kwantu l-konsistenza tal-assi u l-passiv tal-komunjoni tal-akkwisti;

(ii) L-esperti ma flewx id-dokumenti bankarji b'mod partikolari dawk id-dokumenti li jinsabu elenkati fin-nota ikkompilata mill-konvenut stess li tinsab a fol. 2475 et seq tal-proċess. Jgħid li minn dawn id-dokumenti hemm biżżejjed informazzjoni li minnhom "l-esperti setgħu joħorġu stampa ċara ta' kif l-istess kontijiet kienu jingħalqu minn kont u jinfetħu f'ieħor kif ukoll l-kontribut parafernali tar-raġel in kwantu flejjes li ġab miegħu fiż-żwieġ u flejjes li wiret mingħand il-ġenituri u z-zijiet tiegħu." Jilmenta li l-Ewwel Qorti ppretendiet li l-eżerċizju li kellhom jagħmlu l-esperti ġudizzjarji jagħmlu hu minflokhom;

(iii) L-esperti ma naqsux mill-assi tal-komunjoni, l-interessi, flejjes u proprjeta' appartenenti lil DB;

(iv) L-esperti ma tawx spjegazzjoni kif stmaw l-avjament tan-negozju;

(v) L-esperti ma identifikawx l-assi formanti l-ġid ereditarju taz-zijiet tal-appellant u għalhekk ma eskludewx il-proprjetajiet li ġew mibjugħa mill-istess eredita' bil-konsegwenza li fil-kolonna tar-raġel ġew inkorporati proprjeta' li llum hija ta' terzi;

(vi) Naqsu milli jottemperaw ruħhom mal-artikolu 310 tal-Kap. 12 meta ma tawx id-dettalji tal-fond, qies, il-permessi, il-policies tal-iżvilupp relattiv; l-istat tal-fond u rekwiżiti oħra. Ukoll, ma identifikawx x'kienet is-sena ta' stima tal-valuri mogħti minnhom għall-proprjetajiet, mobbli u assi l-oħra;

(vii) "Lanqas ma individwaw il-proprjetajiet parafernali indikati fis-sentenza";

(viii) Ma għamlux "eżerċizju tal-valur preċiż tal-alterazzjonijiet li saru fir-restaurant "wara" s-sentenza u ma stabbilewx x'kien dan ix-xogħol estensiv li sar. Jikritika lill-Ewwel Qorti meta qieset li huwa naqas li jġib il-provi meta "fl-ebda stadju ma ntalab l-esponent biex jagħmel dan". Jilmenta wkoll li fir-relazzjoni peritali dawn ix-xogħolijiet tpoġġew "fil-kolonna tar-raġel bħal li kieku dawn ix-xogħolijiet huma immobbli u mhux aċċessorji għall-immobbli ġia stmati minnhom";

(ix) Ma kkwantifikawx il-valur tax-xogħol li sar mill-konvenut fid-dar matrimonjali;

(x) Meta ġew għal pjan ta' diviżjoni kkonfondew proprjeta' immobbli ma interessi mobbli u naqsu milli jispjegaw il-benefikati għal benefiċċju ta' min ġew magħmula."

63. Stranament l-appellant, filwaqt li jelenka lista ta' aggravji dwar ir-rapport peritali, bħal donnu nesa illi wara dak ir-rapport huwa kien għamel l-eskussjoni tal-periti ġudizzjarji. Din il-Qorti fliet ir-rapport peritali, id-

domandi in eskussjoni magħmula lill-esperti ġudizzjarji mill-konvenut[2] kif ukoll ir-risposti taż-żewġ esperti ġudizzjarji[3]

64. Mir-rapport peritali kif ukoll mir-risposti tal-esperti ġudizzjarji jirriżulta illi l-maġġorparti tal-kontijiet bankarji u investimenti li fis-sentenza tal-2012 ġew indentifikati mill-Ewwel Qorti bħala formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, ingħalqu mill-konvenut u l-ebda traċċa ta' fejn spiċċaw dawk il-fondi ma hemm fil-proċess.

65. L-appellant bħal donnu nesa illi bħala parti f'kawża kellu d-dover statutorju li jgħid il-verità, il-verità kollha u xejn anqas mill-verità. In-nuqqas tal-konvenut li jgħid il-verità kollha tverġi lejn l-isperġur. Jekk hemm x'tiċċensura fl-andament tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti hu li ma kenitx iebsa biżżejjed mal-konvenut meta rrifjuta li jagħti l-informazzjoni mitluba dwar dawk il-flejjes kollha li ma ta ebda spjegazzjoni fejn spiċċaw. Li issa l-appellant jiġi jilmenta illi l-periti ġudizzjarji ma kellhomx provi quddiemhom sabiex jaslu għall-valutazzjoni tagħhom huwa aggravju fil-fehma ta' din il-Qorti bla siewi u fieragħ.

66. Mhux biss, talli ħafna mill-ilmenti li issa qed irressaq l-appellant kontra r-rapport peritali ma jinstabux fost l-erbgħa u tletin (34) domanda

[2] Fol. 2036 sa fol. 2041
[3] Fol. 2045 sa fol. 2076

in eskussjoni li huwa indirizza lejn l-esperti ġudizzjarji; tant li fir-rikors tal-appell jinjora għal kollox ir-risposti li taw l-esperti ġudizzjarji.

67. Dwar l-ilment li l-esperti ma qagħdux mal-elenku pprovdut fis-sentenza tat-13 ta' Ġunju, 2012 in kwantu l-konsistenza tal-assi u l-passiv tal-komunjoni tal-akkwisti, dan mhux aggravju fondat. L-appellant lanqas indenja ruħu jgħid fejn l-esperti ma ottemperawx ruħhom, u dan anke fid-dawl tal-fatt li ripetutament fir-risposti għad-domandi in eskussjoni enfasizzaw illi huma qagħdu ma' dak stabbilit fis-sentenza tat-13 ta' Ġunju, 2012.

68. Għalkemm l-appellant jgħid li minn dokument li jinsab a fol. 2475 *et seq* tal-proċess li kien minnu esebit, l-esperti setgħu jistabbilixxu kif il-kontijiet kienu jingħalqu u jinfetħu; l-appellant jibqa' vag u ma jagħti lanqas eżempju wieħed konkret fejn suppost l-esperti naqsu. L-appellant donnu qed jinsa illi ladarba ddefenda ruħu li l-flejjes fil-kontijiet bankarji u investimenti li ġew magħluqa ma ġewx approprjati minnu imma reġgħu ġew investiti, kien l-oneru fuqu li jġib tali prova. Ir-raġunament tal-appellant li dak l-eżerċizzju kien jispetta lill-esperti tal-qorti u mhux lilu huwa raġunament fieragħ għall-aħħar.

69. Dwar l-ilment tal-appellant li l-esperti ma naqsux mill-assi tal-komunjoni, l-interessi, flejjes u proprjetà appartenenti lil DB; din il-Qorti

ssib tali ilment bħala mhux ġustifikat. Kieku l-appellant indenja ruħu jaqra sew is-sentenza appellata, kien isib il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti rilevanti għal dan l-ilment:

> "(...)
>
> In-nofs indiviż tad-dirett dominju u assoluta proprjetà, u taċ-ċens annwu u temporanju tal-fondi bin-numri – *omissis* -. Irriżulta li dan il-fond twaqqa' u floku nbniet binja ta' tliet (3) sulari u semi-basement. B'diviżjoni li saret bejn il-konvenut u ħuh DB l-aħwa żammew in komun bejniethom il-kantina u l-arja tat-tielet sular, bl-ewwel sular ġie assenjat lil DB u ttielet sular ġie mibjugħ lil terzi. Aktar tard inbiegħet ukoll lil terzi l-kantina. B'dan li komuni bejn il-konvenut u ħuh D kien allura fadal biss l-arja tat-tielet sular. Din l-arja ġiet stmata mill-periti tekniċi fil-valur ta' sittin elf ewro (€60,000).
>
> In-subizzjoni, il-perit tekniku xehed li dan il-valur ta' sittin elf ewro (€60,000) huwa «fl-ismijiet tal-persuni msemmija». B'dan li din il-Qorti tifhem allura li dan il-valur qiegħed nofs bin-nofs bejn il-konvenut u ħuh DB bil-komunjoni bejn il-konvenut u martu l-attriċi allura għandha biss nofs ossia tletin elf ewro (€30,000).
>
> (...)
>
> Da parti tagħhom il-periti tekniċi fir-relazzjoni tagħhom inkludew il-vettura tal-marka – *Omissis* - li fil-fatt fid-deċiżjoni parzjali surreferita ġiet eskluża mill-komunjoni bħala proprjetà ta' terz indipendenti mill-partijiet— DB, ħu l-konvenut.
>
> Dan ġie ċċarat fl-eskussjoni tal-perit tekniku Vincent Ciliberti. B'dan li allura l-mobbli u valuri korrispettivi li għandhom jiġu kkunsidrati għan-neċessitajiet ta' din id-deċiżjoni huma dawk relattivi għaż-żewġ (2) vetturi – *omissis* -bin-numru ta' reġistrazzjoni - *omissis* - u – *omissis* - bin-numru ta' reġistrazzjoni – *omissis* - li ġew stmati mill-periti tekniċi fil-valur ta' erbat elef seba' mitt ewro (€4,700) u elfejn sebat mitt ewro (€2,700) rispettivament;"

70. Fl-aggravju tiegħu l-appellant mhux biss ma jagħmel l-ebda referenza għal dawn il-brani appena ċitati, imma jonqos milli jispeċifika liema huma dawk il-flejjes u proprjetà ta' DB li l-Ewwel Qorti kkunsidrathom bħala parti mill-komunjoni.

71. Dwar l-ilment tal-appellant li l-esperti ma tawx spjegazzjoni kif stmaw l-avjament tan-negozju; dan mhux aggravju li l-appellant seta' jressqu fl-appell meta kif rajna kellu kull opportunità li jeskuti lill-periti ġudizzjarji; kif ukoll bl-aġir tiegħu tilef l-opportunità li jressaq bħala prova relazzjoni tal-periti addizzjonali. L-appellant jibqa' jsostni illi ġaladarba l-permessi tan-negozju qegħdin fuq ħuh DB, allura l-Ewwel Qorti kellha tikkonkludi illi huwa ma għandu xejn mill-avjament tan-negozju. Din id-difiża tiegħu fir-rigward ġustament ma ġietx aċċettata la mill-esperti ġudizzjarji u wisq anqas mill-Ewwel Qorti. L-appellant donnu nesa illi saħansitra anke wara li ġiet ippreżentata r-relazzjoni peritali, l-Ewwel Qorti tat lill-partijiet il-fakoltà li jippreżentaw "valutazzjonijiet ex parte kif ukoll prova dokumentarja dwar dejn"[4] u dan bl-iskop li tiġi evitata perizja addizzjonali mitluba mill-konvenut. Lanqas laħqet għaddiet ġimgħa li l-konvenut ma ppreżentax rikors jinforma lill-Ewwel Qorti illi kien qed isibha diffiċli li jingaġġa perit arkitett u *accountant*[5]. Għalhekk talab lill-Ewwel Qorti sabiex takkorda t-talba tiegħu li jiġu nominati periti addizzjonali, talba eventwalment milqugħa mill-Ewwel Qorti.

72. Fis-16 ta' Jannar 2019,[6] l-Ewwel Qorti kkonfermat l-ordni tagħha għall-preżentata ta' provi dokumentarji u noti kif verbalizzat fis-seduta tal-

---

[4] Ara verbal tal-11 ta' Diċembru, 2018 - fol. 2122
[5] Rikors a fol. 2123
[6] Ara digriet a fol. 2130

11 ta' Diċembru, 2018. Fis-6 ta' Marzu, 2019 il-konvenut jippreżenta nota jinforma lill-Qorti li ma kienx irnexxielu jingaġġa perit arkitett u *accountant* u għalhekk insista li l-Qorti għandha tinnomina periti addizzjonali "stante illi dan huwa l-uniku mezz li ttih il-liġi fid-dawl tal-fatt illi huwa totalment ma jaqbilx mar-rapport tal-espert Vincent Ciliberti".[7]

73. B'hekk l-appellant spiċċa illi biex jikkuntrasta r-relazzjoni peritali la ppermetta li fl-atti jkun hemm relazzjoni ta' periti addizzjonali; la ppreżenta provi dokumentarji, la ppreżenta relazzjoni *ex parte* ta' perit arkitett tal-fiduċja tiegħu u lanqas ippreżenta relazzjoni *ex parte* ta' *accountant* tal-fiduċja tiegħu. Kull kumment ulterjuri jkun verament superfluwu fiċ-ċirkostanzi.

74. Dwar l-ilment tal-appellant li l-esperti ma identifikawx l-assi formanti l-ġid ereditarju taz-zijiet tal-appellant, anke hawn l-appellant naqas milli fir-rikors tal-appell jidentifika l-assi li qed jirreferi għalihom.

75. Dwar l-aggravju li l-periti ġudizzjarji naqsu milli jottemperaw ruħhom mal-Artikolu 310 tal-Kap. 12 meta ma tawx id-dettalji tal-fond, qies, il-permessi, il-*policies* tal-iżvilupp relattiv; l-istat tal-fond u rekwiżiti oħra; jidher li l-appellant ma fehemx illi Artikolu 310 minnu ċitat ma hux applikabbli għall-kawżi ta' likwidazzjoni ta' komunjoni tal-akkwisti imma

[7] Fol. 2131

għall-azzjoni ta' kreditur kontra debitur fi proċeduri ta' subbasta wara mandat ta' qbid. Aggravju bla siwi u fieragħ għall-aħħar.

76. Dwar l-aggravju li l-periti ġudizzjarji "Lanqas ma individwaw il-proprjetajiet parafernali indikati fis-sentenza"; kien fl-interess u l-oneru tal-konvenut li jressaq il-provi dwar il-proprjetajiet li jippretendi li huma parafernali tiegħu. F'paġna 116 tas-sentenza appellata jingħad hekk mill-Ewwel Qorti:

> "Tenut kont tal-fatt li malgrad id-diversi opportunitajiet mogħtija għal dan il-għan, il-konvenut konsistentement naqas milli jġib provi dwar krediti parafernali addizzjonali allegati minnu, l-uniċi krediti parafernali riżultanti huma dawk elenkati supra u dan fil-valur globali ta' dsatax-il elf mija u ħamsa u disgħin ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€19,195.57ċ)."

77. Rilevanti wkoll dak li jingħad f'paġna 102 tas-sentenza appellata:

> "Din il-Qorti hawnhekk ma tistax ma tosservax l-imġiba konsistenti tal-konvenut, inkluż kif diġà ripurtat fis-sentenza parzjali tas-16 ta' Settembru, 2009, fejn il-konvenut deher kompletament indispost f'li jressaq informazzjoni mitluba minnu, kemm mill-esperti tekniċi iżda wkoll mill-Qorti. Tant li din il-Qorti kif diversament presjeduta waslet sabiex b'digriet tal-10 ta' Ottubru, 2014, iddikjarat il-provi tal-konvenut dwar allegati krediti parafernali magħluqa. Wara dan, il-konvenut xorta waħda ngħata l-opportunità jressaq dokumenti u dan permezz talverbal tal-udjenza tal-20 ta' Frar, 2015 iżda anke hawnhekk naqas milli jagħmel dak propost minnu u awtorizzat mill-Qorti tant li fl-udjenza tas-16 ta' Marzu, 2015 il-Qorti kif diversament presjeduta għal darb'oħra ddikjarat li ma kienx baqa' provi x'jitressqu b'dan li awtorizzat lill-periti tekniċi jgħaddu għar-relazzjoni tagħhom fil-parametri taddeċiżjoni parzjali tat-13 ta' Lulju, 2012 u filwaqt li jqisu bħala d-data tat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti li kienet viġenti bejn il-partijiet kontendenti dik tat-2 ta' Marzu, 2010."

78. Hawnhekk ukoll, l-appellant, l-ewwel naqas ripetutament quddiem l-Ewwel Qorti milli jressaq il-provi dwar il-pretensjonijiet tiegħu; imbagħad jiġi f'dan l-istadju jilmenta li fir-rapport peritali ma ġewx identifikati l-proprjetajiet parafernali. Anke hawn, l-appellant jonqos fir-rikors tal-appell milli jidentifika liema huma l-proprjetajiet parafernali tiegħu li tħallew barra.

79. Dwar l-aggravju tiegħu li fir-rapport peritali ma għamlux eżerċizzju tal-valur preċiż tal-alterazzjonijiet li saru fir-restaurant "wara" s-sentenza u ma stabbilewx x'kien dan ix-xogħol estensiv li sar, dan l-aggravju juri kemm verament kellha raġun tilmenta l-Ewwel Qorti li l-konvenut naqas ripetutament milli jressaq il-provi dwar il-pretensjonijiet tiegħu. Jikritika lill-Ewwel Qorti meta qieset li huwa naqas li jġib il-provi meta "fl-ebda stadju ma ntalab l-esponent biex jagħmel dan". Meħud qies tad-diversi opportunitajiet li l-Ewwel Qorti tat lill-konvenut sabiex iġib il-provi tiegħu, din l-istqarrija tiegħu li "fl-ebda stadju ma ntalab" sabiex iġib il-provi tkompli turi kemm verament dan l-appell huwa fieragħ. Apparti li l-istqarrija tal-appellant ma għandha xejn mill-verità. Din il-Qorti żżid illi kien l-oneru tal-konvenut li jressaq il-provi dwar il-pretensjoni tiegħu, liema oneru ma kienx dipendenti dwar jekk il-qorti jew il-parti kuntrarja titolbux jew le sabiex iressaq tali provi. Bil-fatt li jirriżulta mill-atti kif rajna li l-Ewwel Qorti tat diversi opportunitajiet lill-konvenut sabiex iressaq il-provi tiegħu juri illi dan l-aggravju qed jipprova jgiddeb is-sewwa magħruf.

80. Dwar l-aggravju tiegħu illi fir-rapport peritali ma kkwantifikawx il-valur tax-xogħol li sar mill-konvenut fid-dar matrimonjali din il-Qorti tagħmel il-konsiderazzjoni segwenti. Fis-sentenza appellata (paġna 113 - fol. 2804) l-Ewwel Qorti rriferiet għas-sentenza parzjali tat-13 ta' Lulju 2012 fejn inżamm illi l-konvenut għandu bħala kreditu parafernali l-ispejjeż li ħareġ għall-bini tad-dar matrimonjali, għamara, u l-ħlas tas-self mal-Lohombus. Osservat ukoll illi "malgrad id-diversi opportunitajiet mogħtija għal dan il-għan, il-konvenut konsistentement naqas milli jġib provi dwar krediti parafernali" *oltre* dawk ammontanti komplessivament għas-somma ta' €19,195.57 relattivi għall-bejgħ ta' proprjetà parafernali. Fir-rikors tal-appell tiegħu l-ebda ħjiel ma jagħti l-appellant dwar il-*quantum* tal-kreditu parafernali minnu pretiż marbut mad-dar matrimonjali. Għan-nuqqasijiet tiegħu li jressaq il-provi rilevanti jaħti biss il-konvenut.

81. L-appellant jilmenta illi meta l-periti ġudizzjarji ġew għal pjan ta' diviżjoni kkonfondew proprjetà immobbli ma' interessi mobbli u naqsu milli jispjegaw il-benefikati għal benefiċċju ta' min ġew magħmula. Jikritika elenku li jinsab a fol. 1779 (Volum nru IX tal-proċess) bħala parti mir-rapport peritali. Jgħid hekk: "Hekk wieħed isib fl-elenku a fol 1779 stima tal-proprjetajiet *omissis* imbagħad aktar 'l isfel – bini li sar fil-fattijit *omissis*. Dan ma jagħmel l-ebda sens." Din il-Qorti eżaminat dan l-

elenku u ma rriskontratx in-nuqqas ta' sens li qed jistħajjel l-appellant. L-ewwel proprjetà hija deskritta bħala "Enfitewsi Perp. *omissis*" u ngħatat valur ta' €190,000 taħt l-intestatura "Immobbli". It-tieni proprjetà hija deskritta bħala "*omissis*" taħt l-intestatura "Bini li Sar Matul iż-Żwieġ" u ngħatat valur ta' €25,000. Fil-pjan ta' diviżjoni adottat mill-Ewwel Qorti dawn iż-żewġ valuri ġew assenjati lill-attriċi u għalhekk l-appellant ma spjegax kif seta' ġie preġudikat. Il-Qorti fehmet illi l-ewwel valur huwa l-ispiża sabiex inxtara l-fond, it-tieni valur huwa l-valur tal-benefikati fuq l-istess sit. L-istess tqassim sar fir-rigward tal-proprjetà fi *omissis*. L-appellant jilmenta wkoll dwar il-valur ta' €240,000 rappreżentanti "Alterazzjonijiet Estensivi Strutturali *omissis*" li fil-pjan ta' qasma tqegħdu fuq ismu, għaliex jgħid li dan "qiegħed separat mill-valur tal-prorjetajiet tal-komunjoni fi *omissis* fejn qiegħed ir-restaurant". Din il-Qorti, bħal l-Ewwel Qorti qabilha, fehmet illli dan l-ammont jirrappreżenta flus tal-komunjoni li ntużaw sabiex biex saru xogħlijiet fi *omissis* li ma hux kollu tal-komunjoni. Din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi anke f'dan ir-rigward l-appellant naqas milli jressaq domandi in eskussjoni fir-rigward lill-periti ġudizzjarji. Fl-istess waqt issib illi ma jirriżultawx l-estremi sabiex din il-Qorti tħassar il-pjan ta' qasma kif deċiż fis-sentenza appellata.

82. **Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti ssib it-tielet aggravju bħala infondat u qed jiġi respint.**

83. Permezz tar-raba' aggravju l-appellant jattakka s-sentenza appellata għaliex jgħid li din tinkludi fil-pjan ta' qasma proprjetà ta' DB. Jgħid li dan seħħ fir-rigward tad-deheb u ħaġar prezzjuż; dwar il-kontijiet f'isem is-soċjetà *omissis* fejn huwa azzjonist, fl-avvjament tan-negozju fejn il-liċenzji huma f'ismu u fejn il-proprjetà fejn jiġi ġestit dan in-negozju jappartjeni *in parte* lil DB. Jilmenta wkoll li l-interessi parafernali tal-konvenut ġew inklużi fil-pjan ta' qasma. Din il-Qorti fliet l-atti u ma ssibx dan l-aggravju fondat. L-Ewwel Qorti tat spjegazzjoni ċara dwar kif waslet għall-konklużjonijiet tagħha u ma rriskontratx in-nuqqasijiet li qed jallega l-appellant. Issib dan l-aggravju bħala mhux siewi.

84. Permezz tal-ħames aggravju, l-appellant jgħid illi minkejja t-talba attriċi sabiex issir assenjazzjoni lill-partijiet, tali assenjazzjoni ma ġietx ordnata u li bil-mod kif ġew deċiżi t-talbiet attriċi lanqas ma tista' l-assenjazzjoni ssir għaliex skont l-appellant "l-propjetajiet immobbli ma ġewx individwati u stmati kif suppost."

85. Dan l-aggravju ser jiġi trattat flimkien mal-appell tal-istess konvenut mis-sentenza tal-Ewwel Qorti tas-27 ta' Ottubru, 2023 mogħtija wara rikors tal-attriċi *ai termini* tal-Artikolu 235 tal-Kap. 12 (*ab omissa decisione)*.

**L-Appell Inċidentali**.

86. L-attriċi appellata ppreżentat appell inċidentali.

87. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha l-appellanti inċidentali tilmenta illi meħud in konsiderazzjoni diversi fatturi, l-Ewwel Qorti ma kellhiex tordna li l-ispejjeż tal-kawża jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

88. Il-konvenut appellat inċidentalment jirribatti billi jgħid illi fis-sentenzi *in parte* f'dawn il-proċeduri kkonfermati fl-appell fejn ġie deċiż li l-imġieba tiegħu pperikolat l-interessi tal-attriċi li wassal għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, l-ispejjeż ġew akkollati kollha lilu. Fis-sentenza tat-30 ta' Ġunju, 2023 kien jonqos biss li ssir id-diviżjoni tal-komunjoni fejn allura ma hux rilevanti min ta lok għal waqfien tal-komunjoni.

89. Din il-Qorti ssib li dan l-aggravju tal-appellanti inċidentali huwa fondat. L-ewwelnett is-sentenza *in parte* tat-13 ta' Ġunju, 2012 li permezz tagħha l-Ewwel Qorti stabbiliet il-konsistenza tal-assi komuni, irriservat il-kap tal-ispejjeż ta' dik is-sentenza għas-sentenza finali. Kif rajna aktar qabel, b'diversi sentenzi li ċaħdu l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, l-Ewwel Qorti sabet illi verament li kien esklussivament tort tal-konvenut li l-Qorti kellha tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u d-diviżjoni tal-assi komuni. L-akkoljiment tat-talbiet kollha attriċi huwa konsegwenza taċ-ċaħda tal-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut. Hawn ma hux il-każ ta'

diviżjoni ta' wirt fejn il-partijiet kollha jistgħu jitqiesu bħala atturi u konvenuti fl-istess ħin.

90. Fil-kawża odjerna għandna sitwazzjoni ta' żwieġ regolat bil-komunjoni tal-akkwisti fejn il-konvenut instab li ta lok għax-xoljiment ta' dik il-komunjoni. Il-konvenut huwa parti sokkombenti sew fis-sentenza li stabbiliet il-konsistenza tal-assi komuni kif ukoll fis-sentenza li stabbiliet il-valuri ta' dawk l-assi għall-finijiet ta' diviżjoni. Bil-fatt li l-konvenut qed jiġi assenjat sehmu mill-assi komuni ma jfissirx li ma baqax il-parti sokkombenti fit-termini tal-**Artikolu 223 (1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

91. Aktar u aktar meta kif rajna, l-imġieba tal-konvenut f'dawn il-proċeduri tat lok għal dilungar esaġerat bla bżonn.

92. **Tqis għalhekk dan l-aggravju fondat. Tvarja s-sentenza appellata inċidentalemnt billi tħassarha safejn ordnat li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu nofs kull parti u minflok tordna illi l-ispejjeż marbuta mas-sentenza tat-13 ta' Ġunju, 2012 u mas-sentenza tat-30 ta' Ġunju, 2023 għandhom jitħallsu mill-konvenut.**

93. Permezz tat-tieni aggravju tagħha l-attriċi appellanti inċidentali tgħid illi s-sentenza appellata naqset milli takkordalha imgħax *ai termini* tal-Artikoli 1139 u 1140 tal-Kodiċi Ċivili.

94. Dan l-aggravju huwa manifestament infondat. Qari tat-talbiet attriċi juri illi l-attriċi naqset milli titlob il-kundanna ta' ħlas ta' imgħax. Dan apparti, ma jirriżultax illi l-attriċi għamlet xi sottomissjonijiet fir-rigward quddiem l-Ewwel Qorti. Kellha żmien biżżejjed l-attriċi sabiex jekk ħasset il-ħtieġa titlob iż-żieda fit-talbiet tagħha. Dan naqset milli tagħmlu fil-kors ta' tmintax-il sena proċeduri u ma tistax issa tippretendi li f'dan l-istadju tal-enneżimu appell tressaq talba ġdida.

95. **Għaldaqstant tiċħad dan l-aggravju.**

96. Tenut kont it-telf u r-rebħ f'dan l-appell inċidentali l-Qorti tordna li l-ispejjeż tal-appell inċidentali jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**L-Appell mis-Sentenza tas-27 ta' Ottubru, 2023 wara Rikors *Ab Omissa Decisione*.**

97. Kif rajna aktar qabel, l-attriċi, b'rikors tal-11 ta' Lulju, 2023, irrilevat li fil-parti dispożittiva tas-sentenza tat-30 ta' Ġunju, 2023, l-Ewwel Qorti ma ppronunzjatx ruħha dwar it-talba għall-assenjazzjoni konsegwenza

tax-xoljiment u diviżjoni tal-assi komuni. Għaldaqstant, bis-saħħa tal-Artikolu 235 tal-Kap. 12, talbet lill-Ewwel Qorti sabiex taqta' t-tielet talba u tordna l-assenjazzjoni relattiva.

98. L-Ewwel Qorti laqgħet ir-rikors u b'sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru, 2023 ordnat l-assenjazzjoni tal-assi komuni fit-termini tal-kunsiderazzjonijiet minnha magħmula fil-korp tas-sentenza:

> "Ghaldaqstant, b`zieda ma` dak li kien deciz bis-sentenza taghha tat-30 ta` Gunju 2023 fuq riferita, il-Qorti qieghda : Tassenja is-segwenti propjetajiet lil AB :
>
> a) Nofs (1/2) indiviz mill-Fond *omissis*;
> b) L-enfitewsi perpetwa tal-arja li fuqha inbnew tliet flats fi *omissis*, u ghalhekk illum il-flats li qed jigu assenjati lil AB huma dawk internament immarkati bin-numru tnejn (2) u n-numru erbgha (4) bl-arja taghhom kif ukoll l-arja tal-flat internament immarkat bin-numru sitta (6);
> c) Il-qabar numru seba mija u seba u sittin (767) fic-Cimiterju *omissis*;
> d) Nofs (1/2) indiviz tal-garage b'zewg bibien *omissis*;
> e) Il-Fond inkluz il-garaxx, *omissis*;
> f) Nofs (1/2) indiviz tad-dirett dominju u propjeta assoluta bic-cens annwu u temporanju tal-fondi *omissis*;
> g) Kreditu ta mija u tmenin elf ewro (€180,000) valur ta benefikati li saru f'sit propjeta parafernali tal-konvenut, konsistenti f'bini ta flats u hwienet minflok il-fondi *omissis*;
> h) Kreditu ta sebgha u tletin elf (€37,000) valur ta benefikati li saru konsistenti f'bini ta tlett sulari u semi basement fi *omissis*
> i) Il-vettura tal-ghamla *omissis* bin-numru ta registrazzjoni *omissis*.
>
> Tassenja lill-konvenut CB is-segwenti:
>
> a) Nofs indiviz (1/2) ta kamra *omissis*, liema kamra illum tifforma parti mir-restaurant *omissis*;
> b) Ottava parti (1/8) indiviza mill-hanut *omissis*;
> c) Nofs indiviz (1/2) tad-drittijiet ereditarji li kellhom E u F ahwa B mis-successjonijiet ta GB, HB, IJ u KJ li gew akkwistati mill-partijiet b'kuntratt tat-22 ta Jannar, 1998 fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri;
> d) L-avvjament tan-negozju tar-restaurant *omissis*;
> e) Is-somma ta' mitejn u erbghin elf ewro (€240,000) bhala kreditu ghal benefikati li saru fir-restaurant *omissis*;
> f) Il-vettura tal-ghamla *omissis* bin-numru ta' registrazzjoni *omissis*;

> g) Il-lanca bl-isem *omissis* bin-numru ta' registrazzjoni *omissis*;
> h) Il-lanca bl-isem *omissis* bin-numru ta' registrazzjoni *omissis*,
> i) Frejgatina minghajr isem.
>
> In oltre il-Qorti qed tassenja lill-attrici is-somma ta hames mija erbgha u tmenin elf, u wiehed u erbghin ewro u tmintax -il centezmu (€584,041.18) rapprezentanti nofs is-somma ta miljun mija u tmienja u sittin (€1,168,082.36) u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici dan l-ammont bl-imghax mid-data tas-sentenza.
>
> Bl-ispejjez tal-kawza jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet ghajr ghal dawk ispejjez konnessi mas-sentenzi pazjali tat-12 ta April, 2007 u dik tas-16 ta Settembru, 2009, li ghandhom jibqghu kif gew decizi f'dawk issentenzi."

99. Il-konvenut appella minn din is-sentenza.

100. Permezz tal-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu l-konvenut jgħid illi r-rikors tal-attriċi tal-11 ta' Lulju, 2023 kellu jiġi miċħud peress li ma jinkwadrax ruħu taħt l-elementi rikjesti fl-Artikolu 235 tal-Kap. 12. Isostni illi dan ma kienx każ fejn il-Qorti ma ddeċidietx talba imma li kienet "astjeniet" milli tiddeċiedi. Jgħid li għalhekk "l-astensjoni mill-Qorti li tieħu konjizzjoni ta' talba mhix awtomatikament *ab omissa decisione* għaliex il-liġi tippresupponi nuqqas li tiġi deċiża talba bi żvista u mhux deliberatament.

101. Dan l-aggravju ma hux fondat. Kien il-konvenut stess li fl-appell prinċipali tiegħu, senjatament fil-ħames aggravju, fejn jgħid illi "minkejja it-talba tal-attriċi li ssir assenjazzjoni lil partijiet, tali assenjazzjoni la ġiet ordnata .....". Minn qari tas-sentenza tat-30 ta' Ġunju, 2023, mill-ewwel wieħed jintebah illi n-nuqqas li tiġi ordnata l-assenjazzjoni ma kienx att ta'

astensjoni intenzjonata imma żvista da parti tal-Ewwel Qorti fit-termini tal-Artikolu 235 tal-Kap. 12.

102. **Tiċħad għalhekk dan l-ewwel aggravju u tiddisponi mill-ħames aggravju tal-appell prinċipali billi tqis li verament l-Ewwel Qorti naqset milli tipprovdi dwar it-tieni parti tat-tielet talba attriċi dwar l-assenjazzjoni tal-beni komuni.**

103. Permezz tat-tieni aggravju jgħid illi ġialadarba ma kienx imħarrek mill-ġdid bir-rikors *ab omissa decisio* fiż-żmien li kien għaddej it-terminu tal-appell u peress li l-attriċi intavolat appell inċidentali "b'aggravji sinonimi u identiċi għat-talbiet tar-rikors tagħha tal-11 ta' Lulju, 2023" l-Ewwel Qorti "kellha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-rikors stante illi r-rikors ab omissa decisione ma jistax jitqanqal fl-istadju tal-appell".

104. Dan l-aggravju huwa msejjes fuq premessa fattwalment infondata. Mhux minnu li l-aggravji fl-appell inċidentali u l-premessi fir-rikors tal-11 ta' Lulju, 2023 huma "sinonimi u identiċi". Kif ġia rajna, l-appell inċidentali kkonċerna biss żewġ aggravji. L-ewwel dwar il-kap tal-ispejjeż; it-tieni dwar pretensjoni ta' imgħax.

105. Jgħid ukoll li ma hux permess "rikors ab omissa decisione fi stadju ta' appell u kif ukoll minħabba l-ispejjeż relatati ma' appell doppju...".

106. Il-liġi mkien ma tgħid illi jekk jiġi intavolat appell minn parti, il-parti l-oħra ma tistax tippreżenta rikors *ab omissa decisio*. Li l-kodiċi ritwali jipprovdi ma hux dak sottomess mill-appellant imma li minn *ab omissa decisione* ma jistax isir appell imma rikors fi żmien ħmistax-il jum jew inkella kawża f'kull żmien (**Artikolu 235 tal-Kap. 12)**. Il-kwistjoni tal-ispejjeż ma hi tal-ebda rilevanza.

107. **Tiċħad għalhekk dan it-tieni aggravju**.

108. Permezz tat-tielet aggravju, l-appellant jilmenta illi bis-sentenza tas-27 ta' Ottubru, 2023 l-Ewwel Qorti "bidlet is-sustanza tal-ewwel sentenza tagħha u dan bi preġudizzju ovvju għall-appellant". Jgħid illi filwaqt li fis-sentenza tat-30 ta' Ġunju, 2023 l-Ewwel Qorti ddeċidiet illi l-flus u investimenti fil-valur ta' €1,168,082.36 "jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet"; fis-sentenza tas-27 ta' Ottubru, 2023 ordnat lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' €584,041.18, rappreżentanti nofs is-somma ta' €1,168,082.36.

109. Mar-rikors tal-appell tiegħu l-appellant ippreżenta kopja ta' prospett rilaxxjat mill-konsulent finanzjarju tiegħu li juri li fl-1 ta' Ottubru, 2023 il-valur tal-investimenti li l-appellant kellu fuq ismu kien ta' €120,076.89.

110. Lanqas dan l-aggravju ma hu fondat.

111. Permezz tas-sentenza tat-30 ta' Ġunju, 2023 l-Ewwel Qorti ivvalutat il-kontijiet bankjarji u l-investimenti appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti fis-somma ta' €1,168,082.36, irrispettivament jekk kienux għadhom fuq isimhom. L-appellant jaf biżżejjed illi fil-komputazzjoni tas-somma ta' €1,168,082.36 hemm inkluż dawk l-investimenti u depożiti sostanzjali appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti li l-appellant għoġbu, b'deċiżjoni unilaterali tiegħu, jiżbanka jew jillikwida u jħalli mistur għall-qorti u għall-parti l-oħra d-destinazzjoni finali tagħhom. F'dan is-sens l-Ewwel Qorti illikwidat is-somma ta' €1,168,082.36 konxja illi l-maġġorparti ta' dak il-fond inħbew mill-appellanti. Huwa pjuttost tentattiv fjakk, jekk mhux addirittura insult lill-intelliġenza, li mat-tieni appell tiegħu l-appellant jippreżenta, mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti, prospett rilaxxjat mill-konsulent finanzjarju tiegħu dwar "Portfolio Valutiaion" tal-appellant b'valur komplessiv ta' ftit aktar minn €120,000.00.

112. Fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti adottat ir-rapport peritali inkluż il-valutazzjoni tad-depożiti u investimenti appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, inkluż dawk li l-konvenut ra kif għamel sabiex ineħħihom miċ-ċirkolazzjoni u jostorhom. Minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta bl-aktar mod ċar illi l-Ewwel Qorti qieset illi dawk l-assi b'valur ta' €1,168,082.36 kienu f'idejn il-konvenut wara li żbankahom jew

illikwidhom.  Li l-appellant fl-appell tiegħu donnu qed jippretendi li l-Ewwel Qorti messha ordnat lill-attriċi sabiex tħallsu s-somma ta' €584,041.18 hija asserzjoni surreali.

113. L-unika fondatezza f'dan l-aggravju hija safejn jilmenta mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li fis-sentenza tas-27 ta' Ottubru, 2023 ordnat ukoll il-ħlas tal-imgħax mid-data tas-sentenza.  Kif rajna meta trattajna l-appell inċidentali tal-attriċi, talba għall-imgħax ma saritx u konsegwentement l-Ewwel Qorti ma setgħetx tordna l-ħlas tal-imgħax.

114. Tikkonkludi dwar dan l-aggravju billi tqis illi mhux minnu li bis-sentenza tas-27 ta' Ottubru, 2023 tbidlet is-sustanza tas-sentenza tat-30 ta' Ġunju, 2023.

115. **Tiċħad għalhekk dan it-tielet aggravju ħlief safejn jirrigwarda l-kundanna tal-ħlas tal-imgħax.  Għalhekk tvarja s-sentenza appellata tas-27 ta' Ottubru, 2023 billi tħassar dik il-parti fejn ġie ordnat l-imgħax mid-data tas-sentenza.**

116. Permezz tar-raba' aggravju l-konvenut jirreferi għall-prospett li huwa ppreżenta mat-tieni rikors tal-appell tiegħu u jitlob li l-Qorti tieħu dan l-ammont bħala li għandu jiġi diviż u mhux l-ammont indikat fis-sentenza.

117. Il-konvenut jaf, jew messu jkun jaf, illi f'dan l-istadju ma hux permess li jiġu ppreżentati provi ġodda jekk mhux bl-awtorizzazzjoni preventiva tal-qorti.

118. Peress li dan id-dokument ġie ppreżentat mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-qorti, din il-Qorti mhix ser tieħu konjizzjoni tiegħu.

119. **Issib għalhekk dan l-aggravju infondat u qed tiċħdu.**

120. Permezz tal-ħames aggravju l-appellant jerġa' jirrepeti l-kritika li huwa kien għamel fl-appell prinċipali dwar il-valutazzjonijiet tal-immobbli magħmula fir-relazzjoni peritali u adottati mill-Ewwel Qorti. Għall-istess kunsiderazzjonijiet magħmula minn din il-Qorti dwar l-appell prinċipali, tqis dan l-aggravju infondat u qed tiċħdu.

121. Permezz tas-sitt aggravju l-appellant jgħid illi kien ikun aktar ġust u ekwu li kieku l-Ewwel Qorti identifikat il-proprjetà tal-komunjoni, eskludiet l-interessi ta' terzi u ordnat minflok "li l-assi jinbiegħu u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet".

122. Dak propost mill-appellant huwa meqjus meta kull alternattiva ma hix vijabbli. Kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd jieħu s-sehem tiegħu tal-beni *in natura* (**Art. 502, Kap. 16**). Id-differenza fid-daqs tal-

ishma *in natura*, meta ma tistax bla xkiel tiġi evitata, titpatta bil-ħlas ta' somma ta' flus f'ammont daqs kemm tkun id-differenza bejn is-sehem akbar u s-sehem iżgħar. (**Art. 505, Kap. 16**). Il-qorti għandha l-fakoltà illi fid-diviżjoni ta' assi tadotta l-proċedura tal-assenjazzjoni (**Art. 510 (2), Kap. 16**). L-Ewwel Qorti mxiet ma' dawn il-prinċipji u għalhekk dan l-aggravju ma hux fondat.

123. **Għaldaqstant tiċħad is-sitt aggravju**.

***Decide:***

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti,

1. Tiċħad l-appell prinċipali tal-konvenut tal-31 ta' Lulju, 2023 bl-ispejjeż kontra tiegħu;

2. Tilqa' l-ewwel aggravju tal-appell inċidentali tal-attriċi; tvarja s-sentenza tat-30 ta' Ġunju, 2023 billi tħassarha safejn ordnat li l-ispejjeż jitħallsu nofs ($^{1}/_{2}$) mill-attriċi u nofs ($^{1}/_{2}$) mill-konvenut; u minflok tordna li l-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut; tiċħad it-tieni aggravju tal-appell inċidentali. Tenut kont it-telf u r-rebħ f'dan l-appell inċidentali, il-Qorti tordna li l-ispejjeż tal-appell inċidentali jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

3. Tordna li l-ispejjeż marbuta mas-sentenza tal-Ewwel Qorti tat-13 ta' Ġunju, 2012, jitħallsu mill-konvenut.

4. Tiċħad l-appell ulterjuri tal-konvenut tal-24 ta' Novembru 2023 ħlief safejn jirrigwarda l-kundanna tal-ħlas tal-imgħax. Konsegwentement tħassar is-sentenza tas-27 ta' Ottubru, 2023 safejn ikkundannat lill-konvenut iħallas l-imgħax; filwaqt li tikkonfermaha fil-kumplament. Spejjeż ta' dan l-appell ulterjuri jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Robert G. Mangion
Imħallef

Grazio Mercieca
Imħallef

Deputat Reġistratur
ss